# Id-diversità fiċ-ċitru: Żjara teknika f’INRAE f’Korsika

F’Marzu 2025, żewġ xjentisti mid-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali żaru l-Istitut ta’ INRAE f’Korsika, wieħed mill-akbar ċentri Ewropej ta’ riċerka fil-qasam tal-agrikoltura. Iż-żjara seħħet permezz tal-programm ERASMUS+ u kienet minsuġa madwar it-tagħlim fuq metodi moderni ta’ kif tistudja, tidentifika u tippreserva varjetajiet taċ-ċitru.

## Mill-Ġardina għal-Laboratorju

Tul il-mawra, ix-xjentisti Maltin żaru l-ġonna taċ-ċitru, is-serer u laboratorji speċjalizzati fejn raw diversità ta’ speċi u varjetajiet ta’ ċitru u osservaw il-konservazzjoni tagħhom. Ir-riċerkaturi Franċiżi spjegawlhom kif iċ-ċitru jiġu studjati l-karatteristiċi tagħhom kemm b’metodi morfoloġiċi bħal ngħidu aħna l-għamla, id-daqs, il-kulur u kemm b’metodi avvanzati fil-laboratorju.

## Analiżi taċ-Ċitru fil-Fond

Fil-laboratorju, ix-xjentisti Maltin fehmu kif weraq, qxur taz-zkuk u kampjuni tal-frott setgħu jiġu analizzati ġenetikament biex tiġi stabbilità l-varjetà taċ-ċitru. Dawn il-metodi jgħinu lix-xjentisti jagħmlu distinzjoni bejn varjetajiet li jixtiebhu, jidentifikaw l-ibridi u jgħinuhom jaċċertaw li l-kollezzjonijiet taċ-ċitru huma mmarkati kif suppost.

Il-kwalità tal-frott kienet karatteristika oħra li ġiet studjata. Il-kejl tal-ħlewwa, l-aċidità, il-kulur tal-frotta u żjut aromatiċi jgħinu lir-riċerkaturi kif wieħed l-aħjar juża varjetajiet differenti taċ-ċitru eżempju għall-konsum frisk, għall-għasir jew għall-estrazzjoni taż-żjut aromatiċi.

## Naħsbu għall-Futur

F’din iż-żjara x-xjentisti għarfu wkoll kif jistgħu jintużgħu għodod diġitali għal kejl morfoloġiku tal-pjanti u kif wieħed jista’ jistudja kif il-varjetajiet taċ-ċitru jirrispondi għal kundizzjonijiet kiefra bħal nixfa u salinità għolja. Dan it-tip ta’ tagħrif huwa wieħed siewi għall-agrikultura li qed tesperjenza ta’ tibdil fil-klima u l-ħamrija.

Din iż-żjara swiet biex tejbet relazzjonijiet bejn Malta u INRAE Korsika u pprovdiet ħiliet utli li ser jgħinu fit-twettiq tal-missjoni tal-Bank tal-Ġeni Nazzjonali. Billi wieħed itejjeb l-għarfien fuq

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or EUPA. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.

id-diversità taċ-ċitru, dan l-għarfien jgħin fil-protezzjoni ta’ varjetajiet lokali u jsostni l-produzzjoni ta’ ċitru sostennibli fil-futur.




Erasmus+
Enriching lives, opening minds.

Co-funded by the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or EUPA. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.